## 17 ta' Lulju, 1963.

## Imħallef:

## Onor. A.V. Camilleri, B.Litt., LL.D.

Giuseppe Azzopardi

*versus*

Gio Maria Sammut

**Danni — Responsabiltà — Kaċċa — Inċident ta' — Likwidazzjoni ta' — Għajn — Vista — Telf ta' — Damnum emergens.**

*Każ fejn il-Qorti, wara li sabet lill-konvenut responsabbli tat-telf tal-vista minn għajn waħda kawżata lill-attur f'inċident tal-kaċċa, illikwidat l-istess danni.*

Il-Qorti, rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur, premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni — peress illi fl-erbatax (14) ta' April, 1959, il-konvenut waqt li kien qiegħed idur għall-kaċċa 'Saint Andrews, spara u nvolontarjament iżda mħabba nuqqas ta' diliġenza ta' prudenza jew ta' ħsieb jew nuqqas ta' ħila, laqat lill-attur f'għajnu l-leminija u b'hekk ikkaġjonalu lessjoni li ġiebet għat-telfien ta' vista fl-istess għajn; u peress illi mħabba f'hekk l-

attur sofra danni konsistenti fi spejjeż ta' kura, telf ta' qliegħ imħabba nkapaċità parzjali permanenti u danni oħra li jiġu pruvati waqt it-trattazzjoni tal-kawża, — talab li a) jiġi dikjarat u deċiż minn din l-Onorabbli Qorti illi l-konvenut imħabba l-ħtija tiegħu fuq imsemmija huwa responsabbli għad-danni li sofra l-attur kif fuq indikat; b) jiġi minn din l-Onorabbli Qorti likwidat l-ammont tad-danni li sofra l-attur imħabba l-imsemmi inċident; c) il-konvenut jiġi kundannat *iħallas lill*-attur l-ammont li jiġi hekk likwidat — bl-ispejjeż u bl-interess legali mid-data tas-sentenza li tingħata.

Rat id-dikjarazzjoni tal-attur u n-nota tax-xhieda tiegħu;

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut li biha qal li d-domandi attriċi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt peress li ma kienx il-konvenut li kkaġuna l-ħsara msemmija *mill-attur* u f'kwalunkwe każ ma kienx hemm negliġenza jew imperizija da parti tal-konvenut, b'riserva ta' eċċezzjonijiet oħra;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut u n-nota tax-xhieda tiegħu;

Rat id-degriet ta' dina l-Qorti tal-erbatax (14) ta' Mejju, 1960 *minn fejn jidher li ġie maħtur perit ġudizzjarju sabiex* ifittex igħid jekk it-talba attriċi hijiex fondata fil-fatt u fid-dritt u, f'każ ta' ipotesi affermativa, jillikwida d-danni sofferti mill-instanti.

Rat il-verbal *li żamm* il-perit legali u r-relazzjoni tiegħu preżentata fit-tlieta (3) ta' Lulju 1963 u minnu maħlufa fl-istess jum, xahar u sena msemmija fuq;

Ħadet konjizzjoni tal-proċess;

Semgħat lill-Avukati;

Ikkunsidrat:

Mill-provi li jinstabu miġbura fil-proċess jirriżultaw dawn il-fatti li huma s-sostrat tal-kawża odjerna. Fl-erbatax (14) ta' April, 1959 l-attur, raġel ta' età avanzata l-għaliex illum għandu sitta u sebgħin (76) u għal ħabta ta' l-inċident kellu xi tnejn u sebgħin (72) sena, f'xi siegħa qabel l-inżul tax-xemx kien miexi fir-raba tagħhom u sema' tir u ħass xi ħaġa f'għajnu l-leminija u kif ġie milqut beda jgħajjat "Għajma" u fl-istess ħin bla ma ra lil ħadd beda jgħajjat:— "Hekk tisparaw" imma ma wieġbu ħadd. Meta mexa xi tliet passi oħra ra lil-konvenut xi tletin pied jew anqas dahru ma siġra waħdu. Kif rah indirizzah bil-kliem:— "Taf li lqatni f'għajni" u l-konvenut irrisponda:— "Ilqattek-" F'idejh dak il-ħin il-konvenut ma kellux is-senter u kien fir-raba' ta' ħaddieħor u minn hemm resaq ħdejh u offrilu biex jieħdu fuq bir jaħsel għajnu. Fil-fatt l-instanti mar b'saqajh id-dar tiegħu jaħsel għajnu u kif kien qiegħed hekk jagħmel daħal għandu l-istess konvenut, li fuq suġġeriment tal-mara tal-istess instanti wasslu b'karrozza tiegħu għand it-tabib. Waqt li kienu sejrin l-isptar, skond l-instanti, il-konvenut qallu:— "Missieri jaħti għax hu tella s-senter". Anki meta l-instanti kien rikoverat l-isptar mar jarah imma meta darba waqt il-visita l-instanti qal lill-konvenut:— "Intom ħassartuni, issa għajnuni xi ħaġa" il-konvenut ħa għalih u ma marx jarah aktar. L-instanti dam l-Isptar tliet ġimgħat u wara li ħareġ mill-Isptar kien imur kull ġimgħa barra meta ma jiflaħx għal vista u peress li huwa avanzat fl-età kien ikollu minn St. Andrews, fejn jgħammar ma ibnu, jikri karrozza. Ġie li mar ukoll bix-char-a-banc. Xogħol kbir ma jistax jagħmel imħabba l-età imma xi faċenda żgħira jew xi ndukrar, jew igħin fit-tagħbija ta' xi ħaġa. Il-konvenut għalkemm meta xehed ma għamel ebda ammissjoni iżda però qal li dikinhar tal-inċident kien qiegħed idur għal kaċċa u qal ukoll li kien spara fid-direzzjoni tar-raba tal-instanti imma mhux fid-direzjoni minn fejn iltaqa mal-attur meta kien ġie

ferut f'għajnu u ammetta li meta spara s-summiena li kien laqat kienet waqgħet xi għaxar passi 'l bogħod minn fejn iltaqa mal-instanti. Qal li ma marx jara lill-attur aktar l-isptar għax l-attur kien waħħal fih. Qal ukoll li meta spara huwa ma kienx sema' sparaturi oħra. Qal ukoll li offra għoxrin lira (£20) lill-attur meta l-Avukat tiegħu bagħat għalih imma dan għamlu bla preġudizzju għax innega li seta' laqtu. Jirriżulta minn Dr. Vincent Tabone li ċ-ċomba li għandu f'għajnu l-leminija pprovokat kataretta li ma tħalliex lill-attur jara u li wkoll inċidentalment ma tippermettiex l-eżami tal-fond ta' l-għajn u ġewwa l-istess għajn ġew prodotti lesjonijiet ta' infjammazzjoni jew ta' deġenerazzjoni li biż-żmien għandhom l-effett li jipproduċu atrofija tan-nerv ottiku u presumibilment anki wkoll tar-retina. Inkonsegwenza t-tabib jaħseb li l-perċezzjoni u projezzjoni tad-dawl ta' l-għajn offiża tal-attur naqsu ħafna u jaħseb ukoll li n-nerv ta' l-għajn ġie atrofizzat kif ukoll ir-retina.

**Ikkunsidrat:**

Illi dwar ir-responsabilità dina l-Qorti tħoss li ċ-ċirkustanzi difatto riżultati u dawk ir-raġunijiet li semma l-perit legali, li dina l-Qorti tagħmel tagħha jwasslu għall-konvinzjoni morali li kien il-konvenut li laqat aċċidentalment b'ċomba lill-instanti u partikolarment li l-attur qabel ma ġie milqut sema biss tir wieħed u l-konvenut, li jgħid li waqqa summiena b'tir wieħed sparat fid-direzzjoni ta' l-għelieqi tal-attur u meta mar ifittxa ra lill-attur ferut kif ukoll il-fatt li l-konvenut, li jattribwixxi l-feriment tal-attur lill-kaċċaturi oħra, fil-fatt ma fittiex fl-inħawi ebda kaċċaturi meta ra lill-attur ferut sabiex ikun jista' jipprova dak li llum qiegħed isostni u barra minn dana l-konvenut meta spara fid-direzzjoni ta' għalqa ta' ħaddieħor kien tenut jieħu prekawzjonijiet aktar milli kieku spara f'għalqa tiegħu.

Illi kwindi l-konvenut huwa responsabbli tal-ħsara li sofra l-attur.

Ikkunsidrat:

Illi dwar il-likwidazzjoni tad-danni, fil-każi bħal dana indesamina jidħol normalment in operazzjoni l-artikolu 1088 tal-Kodiċi Ċivili. Dana l-artikolu, kif qal tajjeb il-perit ġudizzjarju, jikkontempla erba' kategoriji ta' danni u ċioè:—

1. Il-perdita di fatto li l-att ikun direttament ikkaġuna lil parti offiża;

2. L-ispejjeż li l-inġurjat jew l-offiż kien kostrett jinkorri in konsegwenza ta' l-istess dannu;

3. Il-perdita di fatto tas-salarju jew gwadannji oħra;

4. Il-perdita tal-gwadanji futuri li jitnisslu mill-inkapaċità permanenti totali jew parzjali, li l-att offensiv ikun ġieb in konsegwenza tiegħu.

Illi l-konvenut fuq id-danni ssottometta li huwa se mai fil-każ konkret u in disamina għandu biss isofri l-ispejjeż li l-offiż seta' inkorra in konsegwenza tal-istess dannu soffert u dana l-għaliex l-istanti, li kien raġel inoltrat fl-età, ma kienx qiegħed jaħdem u kien qiegħed jgħix bil-pensjoni tax-xjuħ u ma kellux ebda tama jew speranza li jkun jista' jaħdem. L-istess konvenut sostna wkoll li l-ebda telf effettiv ma sofra bl-inkapaċità li għandu in konsegwenza tal-offiża riċevuta peress li dina biex tiġi konċessa trid tkun materjali u effettiva.

Illi in kwantu għad-danni emerġenti u ċioè għall-*ispejjeż li l-attur sofra direttament mill-att antiġuridiku tal-konvenut*

jingħad li ma jistax ikun hemm kwistjoni fuqhom. L-instanti xehed li kien imur kull ġimgħa l-Isptar u ġie li qabeż xi ġimgħa *imma ġie li mar f'xi okkażjoni oħra* xi darbtejn f'ġimgħa. Issa mill-jum li korra fl-erbatax (14) ta' April, 1959 sat-tletin (30) ta' Ġunju, 1963 għaddew mitejn u dsatax (219) il-ġimgħa. Peress li falla li jmur l-Isptar f'xi ġimgħa dana huwa kumpensat minn xi ġimgħat fejn jirriżulta li mar darbtejn u kwindi "arbitrio boni viri" dina l-Qorti tiffissa li b'kollox mar xi 219 darba. Meta kien imur ġeneralment kien bix-char-a-banc minbarra għal xi tmien darbiet meta għal raġunijiet ta' saħħa kien kostrett imur b'taxi u f'dawn l-okkażjonijiet kien jonfoq xi lira sterlina (£1) kull darba mentri meta mar bix-char-a-banc kien jonfoq xelin (1/-) kull darba. Għalhekk l-instanti taħt dana l-każ nefaq b'kollox tmien lira (£8) meta mar bit-taxi u għaxar liri u ħdax-il xelin (£10.11.0) meta mar bix-char-a-banc.

Illi in kwantu għall-ispiża dovuta lill-Isptar dina l-Qorti ma tistax tillikwidha l-għaliex l-attur qatt ma rċeva kont u kwindi ma tistax lill-attur ħlief ssirlu riserva dwarha kontra l-konvenut *fil-każ li huwa (l-attur) jirċevi għall-kommorazzjoni* l-isptar il-quddiem xi kont.

Ikkunsidrat:

Illi dwar it-telf tal-vista jew dannu effettiv prodott mill-inkapaċità totali ta' l-użu ta' għajn il-leminija tal-attur jingħad li l-kwistjoni hija aktar fina, delikata u skabruża. Infatti donnu jidher li l-liġi (art. 1088 tal-Kodiċi Ċivili) fil-każ ta' dannu kolpuż bħal dana in desamina tħares lejn l-inkapaċità prodotta mill-punto di vista ta' l-utilità ekonomika li tkun ġiet mitlufa in korrelazzjoni mal-ħajja presunta tal-persuna offiża. F'dana l-estimu jew aħjar f'dina l-valutazzjoni ċ-ċirkustanzi tal-każ, partikolarment in-natura u grad ta' inkapaċità u l-kondizzjoni tal-persuna offiża jridu jiġu kkunsidrati fil-kwadru

mhux ta' reguli fissi u assoluti imma fl-isfond ta' dak il-kriterju prudenzjali mħolli f'idejn il-Qorti u li s-sens ta' umanità jissuġġerixxi. Fi kliem ieħor biex il-Qorti toħroġ mit-teorija u tidħol fil-kamp prattiku tal-ħajja ta' kull jum dana t-Tribunal kif inhuwa presjedut iħoss li mhix ġust u ekwu li għax bniedem huwa ta' età kbira u mhux kapaċi jaħdem ma għandu jkollu ebda dritt għal ebda "actual loss" jekk terza persuna b'att antigwidiku tikkaġjonalu inkapaċità, totali jew parzjali l-għaliex b'dawka l-inkapaċitajiet huwa jista' jkun qiegħed isofri dannu anki ekonomiku fis-sens li jkun irid jinqegħda bis-servizz ta' terzi sabiex ikollu dawk il-komoditajiet, li huwa kien jagħmel personalment qabel l-offiża riċevuta. Kien ġie deċiż (Tribunal Federale Svizzeru disgħa (9) ta' Mejju **1906** De Frose vs De Feldan, Manitore **1906** paġ. **896**) li: "Il semplice fatto che il dannegiato non esercitasse alcuna professione e vivesse di rendita, non vale da solo ad escludere un diritto di risarcimento per una parziale incapacità al lavoro, in riguardo *al tempo avvenire ed alla possibilità di abbracciare una professione*" u jekk dana huwa d-dritt ta' bniedem li jgħix bir-renti għandu anki jkun il-każ ta' bniedem fqir li biex igħin ruħu jkun forsi l-quddiem neċessitat li juża għajnejh biex jirgħa merħla nagħaġ jew biex jagħmel xi faċenda żgħira li minnha jista' jissuplimenta dika l-pensjoni żgħira li għandu li jgħin lil xi membri tal-familja tiegħu li jkun qiegħed iżommu u li kieku jitfgħu l-Imgieret fejn huwa ma jkunx irid imur igħix b'limitazzjoni tal-libertà tiegħu, apparti, kif fuq intqal, li ma jkunx jista' jagħmel dak li kien qiegħed jagħmel qabel l-inkapaċità li jkun sofra u jkollu jqabbad lil ħaddieħor li biex *iżommu jkun irid jieħu mingħand parti jew it-totalità tal-pensjoni* tax-xjuħ li qiegħed jieħu mingħand l-Istat.

Illi kwindi fid-dawl ta' dana li ntqal l-attur ħaqqu, skond dina l-Qorti kif inhija presjeduta dritt għal "actual loss".

Illi l-kriterji li għandhom jiġu rigwardati għad-determi-

nazzjoni ta' dana d-dannu huwa dawk li tgħid il-liġi fl-art. 1088(2) kap. 23 u b'dawn il-kriterji dina l-Qorti tħoss li ma għandhiex tidħol il-proposta transazzjoni magħmula bla preġudizzju u taħt iċ-ċirkustanzi riżultanti fil-kawża.

Illi l-età avanzata ta' l-attur il-grad ta' ħtija tal-konvenut li mhux għoli ħafna, il-kondizzjoni soċjali tal-instanti, l-inkapaċità parzjali kkaġonjata u ż-żmien dwar l-isperanza ta' ħajja tal-instanti, fil-ħsieb konsiderat ta' dina l-Qorti, fuq dana l-pont jissuġġerixxu s-somma ta' sittin lira (£60).

Għal dawna l-motivi:

Taqta' u tiddeċiedi billi tiddikjara li l-konvenut kien ħati talli negliġentement waqt il-kaċċa spara fid-direzzjoni tal-artijiet tal-attur u laqtu b'ċomba f'għajnu l-leminija liema sparatura pprovokat inkapaċità ta' dika l-għajn jew parti funzjonali mportanti tal-ġisem tal-instanti li għandu l-għajn l-oħra bil-vista naturalment menomata, tillikwida d-danni emerġenti għas-somma ta' tmintax-il lira u ħdax-il xelin (£18.11.0) b'riserva għall-ispiża tal-kont tal-kommorazzjoni tal-attur fl-isptar kontra l-istess konvenut u dwar id-dannu dovut għall-inkapaċità sofferta mill-instanti tiffissa, taħt il-konsiderazzjonijiet miġjuba fuq is-somma ta' sittin lira (£60) u fl-aħħarnett tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attur l-ammont ta' tmienja u sebgħin lira u ħdax-il xelin (£78.11.0) għad-danni fuq likwidati u msemmija.

L-ispejjeż jitħallsu kollha mill-konvenut.